

# L-Ikel tal-Gran Mastri u l-Kbarat

**Kitba ta' Guido Lanfranco**



Billi l-kavallieri ta' San Ġwann kienu ġejjin minn familji sinjuri tal-Ewropa, kellhom drawwiet u gosti dwar l-ikel, differenti ħafna minn dawk tal-poplu Malti li kien iqanċeċ biex jgħix ħajja ta' faqar ġenerali. Għall-Gran Mastri u l-Kavallieri, l-ikel kien mill-aktar abbundanti u rikk u dak li ma kienx jinstab fil-gżejjer tagħna kien jiġi impurtat għalihom mill-Ewropa. L-aktar li wieħed kien jara l-lussu ta' ikel kien meta l-Gran Mastru jew kbarat tal-Kavallieri kienu jorganizzaw pranzu jew ikla speċjali biex jiċċelebraw avvenimenti speċjali.



## Ikliet speċjali fl-elezzjoni tal-Gran Mastru

Biex jinħatar Gran Mastru ġdid kienet issir elezzjoni fil-knisja konventwali ta' San Ġwann Battista fil-Belt. Kien ikun hemm 21 grupp ta' votanti. Imma ħaġa li ma tistennihiex kienet li fil-knisja stess, kull wieħed minn dawn il-gruppi kien iħejji mejda tal-pranzu armata b'kollox għal ikla kbira, bix-xalar u ħmiġijiet li normalment tistennihom f'xi tverna. Iżda fl-1722 ħassew li ma kinetx ħaġa xierqa li l-knisja tiġi użata għal dan il-għan u l-ikliet bdew isiru fid-dar tal-predikatur u tal-gran prijur. Il-Gran Mastru wara kien joffri ikla huwa wkoll biex jiffesteġġa l-ħatra tiegħu. Meta De Rohan ġie elett Gran Mastru ssorprenda lil kulħadd billi organizza l-pranzu barra fil-pjazza ta' quddiem il-palazz tiegħu. Mhux biss, imma għal din l-ikla stieden lin-nies foqra tal-inħawi u tad-dawra u offrielhom mill-aħjar ikel; spiċċa biex qassmilhom ukoll xi ħaġa tal-flus.

## Fil-pussess tal-Gran Mastru

Meta l-Gran Mastru kien jasal ir-Rabat biex jidħol jieħu pussess simboliku tal-Imdina kien jgħaddi għand l-Agostinjani fejn il-patrijiet kienu joffru lilu u lil ta' madwaru, xi ħlewwiet (*confitture*) u xarbiet ħelwin. Wara ċ-ċerimonja l-Gran Mastru kien joffri wkoll pranzu fil-kastell ta' Verdala u filgħaxija jinkludi wkoll il-*confitture* jew ħlewwiet. Il-ġurati tal-Imdina kienu jirregalawlu ikel ta' ċertu preġju.

## Fil-festa ta' San Ġwann Battista

Din il-festa bilfors li l-Kavallieri kienu jiffesteġġawha bil-kbir għax dan il-qaddis kien il-patrun tagħhom u għalih kienet imsemmija l-Ordni tagħhom. Wara s-servizz liturġiku fil-knisja konventwali f'lejlet il-festa fit-23 ta' Ġunju, kien ikollhom ftit ikel ħafif u *confitture* jew ħlewwiet iżda mill-1636 bdew jieħdu dan l-ikel wara l-funzjonijiet li jsiru l-għada, jum il-festa, fl-24 ta' Ġunju.

## Fil-Bereġ tal-Kavallieri

Kull lingwa tal-Kavallieri kelha il-berġa tagħha. Fil-Berġa kienu jorganizzaw attivitajiet tagħhom kif ukoll pranzijiet lussużi f'okkażjonijiet speċjali. Bħala eżempju nsemmu l-berġa ta' Provenza fejn kienu jużaw is-sala l-kbira ta' fuq għall-pranzijiet. Wieħed vjaġġatur li kien mistieden għall-ikla fl-1678 jgħid li kellhom mill-aħjar laħmijiet, tiġieg, faġani, frott, ħamiem u għasafar tal-kaċċa. Il-ħobż kien tajjeb u abbundanti. Kellhom ukoll xorb u tip ta' ġelat bis-silġ. Is-silġ kien iġibilhom kuntrattur minn Sqallija; jekk ma kienx jipprovdih kien jeħel multa għal kull jum li jgħaddi mingħajr silġ.

## Fil-palazz ta' Sant'Anton

Il-Gran Mastru De Paule jingħad li kien iħobb jiekol sewwa s-sena kollha u kien spiss ikollu pranzijiet fil-palazz tiegħu ta' Sant'Anton. L-ikel kien jisserva fi platti u kontenituri tal-fidda li jinġarru minn paġġi libsin ingwanti bojod. Iżda qabel jibda jiekol, l-ikel kien iduqulu s-servjent. Waqt l-ikla, l-maġġordom kien jippassiġġa madwar il-kamra biex jara li kollox jimxi sewwa.

## Fil-kastell ta' Verdala

L-aristokratiku Russu Pioter Tolstoy kien mistieden għall-ikel mal-Gran Mastru u Kavallieri oħra fil-kastell ta' Verdala fis-sajf tal-1698. L-ikla kienet tikkonsisti f'aktar minn kors wieħed flimkien ma' diversi nbejjed miġjubin mill-Italja li kienu jixorbuhom miżjuda bl-ilma. Wara l-ikel kellhom frott u ħelu u wkoll ikel ieħor miksi biz-zokkor. Il-platti, kontenituri, magħref, skieken u frieket kienu kollha tal-fidda.

## L-inkwiżitur

L-inkwiżituri kienu mibgħutin mill-Papa biex jissorveljaw, jirrapportaw u jikkontrollaw lill-ordni tal-Kavallieri, lill-Knisja u lill-Insara f'Malta u kienu miżmumin u stmati bħal-kbarat l-oħrajn. Bħala eżempju nsemmu l-Inkwiżitur Marescotti għal ħabta tal-1664. Kellu dħul personali ta' 100 skud fix-xahar u provvista ta' 4 ħobżiet u daqs 3 fliexken inbid kuljum.





Bħal Gran Mastru spiss kien ikollu jistieden xi personalitajiet għall-ikel fil-palazz tiegħu fil-Birgu. Il-koki tiegħu kienu jippreparaw ikla b'sitt platti wara xulxin u frott. L-ikliet kienu jsiru f'nofsinhar u mhux filgħaxija minħabba li ħadd ma kien jivvjaġġa fit-tul wara li jidlam minħabba diversi perikli.

## Rigali ta' ikel

Xi ikel li aħna issa narawh komuni, fi żmien il-kavallieri kien għadu meqjus bħala fin, lussuż u ta' prezz għoli u mhux ta' kemm issibu kif ġieb u laħaq, għalhekk kienet drawwa fost il-kbarat u n-nobbli li f'xi okkażjonijiet speċjali jagħtu oġġetti ta' ikel bħala rigal. Il-Gran Mastru Pinto, bħala eżempju, meta xi Inkwiżitur kien imissu jsiefer meta jispiċċa ż-żmien tiegħu f'Malta, kien jibgħatlu ikel u xorb prezzjuż bħala rigal, jikkonsisti f'zokkor, kafè, ċikkulata li b'kollox jienu jlaħħqu mal-elf skud.

L-Inkwiżitur kien ukoll jagħti rigali ta' ikel fin. Meta fit-tieni nofs tas-seklu tmintax kien ġie Malta Mons. Ablegato fuq ix-xwieni tal-Papa u saru pranzijiet għall-Uffiċjali u Kavallieri, l-Inkwiżitur ta' dak iż-żmien bagħtilhom rigal ta' ikel li kien jikkonsisti minn tjur u annimali oħra ħajjin, kafè, ċikkulata, ġobon fin, ħxejjex, frott u nbid. Il-Gran Mastru għamel l-istess.



## Fl-Assedju l-Kbir

L-Assedju l-Kbir tal-1565 raqqad il-lussu tal-pranzijiet u ġab miegħu ekonomija mill-akbar. Meta jsir assedju, l-attakkanti jkollhom il-ħsieb li d-difensuri jkunu iżolati fit-tul sakemm ikollhom iċiedu meta ma jibqgħalhomx ikel u xorb aktar.

It-Torok ikkampjaw fil-Marsa fejn kien hemm xi nixxiegħat tal-ilma, u għalhekk setgħu jisqu l-merħliet le kellhom, imma l-Kavallieri kienu għamlulhom fihom il-velenu. Madankollu t-Torok sabu ilma bnadi oħra. Minbarra l-flotta prinċipali ta' galeri t-Torok kellhom ukoll xi 200 biċċa tal-baħar oħra mhux biss biex iġorru l-porvli u armi imma wkoll ħażniet ta' ikel bħal qamħ, qnatar ta' galletti miġjubin minn diversi artijiet tal-qrib, żbib, frott niexef, żebbuġ u bhejjem ħajjin bħal nagħaġ, tiġieġ, baqar u barrin. Mill-kampanja Maltija kienu ġabru kemm setgħu bhejjem u ikel ta' kull xorta, imma dawn malajr spiċċaw. Matul l-Assedju dawn il-bastimenti tal-ikel kienu kontinwament ibaħħru lejn diversi artijiet fil-qrib biex iġibu l-ikel u wkoll jaħtfu xi bċejjeċ tal-baħar privati mgħobbijin bil-provvisti, għax dik l-armata kbira li kellhom kienet



In-Nobbli tal-gżira

tikkonsma ammont kbir ta' ikel kuljum. Il-galletti kienu neċessarji daqs il-ħobż u kienu dejjem abbundanti fil-provvisti tal-ikel. Ukoll meta kien ġej Malta il-*piccolo soccorso*, għajnuna mill-Ewropa għall-Kavallieri, kienu tħejjew aktar minn 50 bastiment li kellhom fuqhom mat-8,000 xkora galletti. Meta ġiet l-għajnuna is-suldati niżlu San Pawl il-Baħar u mxew, bil-bhejjem mgħobbijin, lejn l-Imdina flimkien ma' nisa u tfal, kulħadd iġorr. Is-suldati, minbarra l-armi, kellhom iġorru wkoll xkora galletti, imma uħud bdew jarmu minnhom fit-triq biex iħaffu l-piż u, meta nduna bihom il-kmandant ġiegħelhom jerġgħu jiġbruhom.

F'nofs Lulju it-Torok fetħu attakk li dam ħames sigħat. Fid-dgħajjes imfarrka jew mgħarrqa taħt is-swar, il-Kavallieri sabu proviżjon ta' ikel li kienu fi ħsiebhom jużaw it-Torok jekk jirbħu l-fortizza. Kellhom żbib, galletti, zokkor, għasel, butir u ilma.

It-Torok kienu ġabru kemm setgħu lariġ u bettiegħ mir-raba' tal-kampanja imma kienu neqsin minn ħobż u ġobon għax għall-ewwel ta' Settembru, Balbi, fid-djarju tiegħu, jgħid li f'mumenti ta' serħan ġieli kien hemm xi Tork li bil-moħbi offra minn dan il-frott lil xi suldat Malti li tagħhom kien itih ħobż u ġobon.

## Wara dan l-Assedju l-Kbir

Kull meta kien ikun hemm biżgħa ta' assedju ieħor, il-Kavallieri kienu joqogħdu attenti li jorbtu u jgħassu sew lill-iskjavi li jkunu lesti jqumu kontrihom waqt assedju. Sadattant bħalma ġara fl-1645 kien hemm rapporti li t-Torok kienu se jevvalenaw il-bjar tal-Maltin. Mhux biss, imma t-Torok ġieli kienu jiftiehmu mal-iskjavi biex jivvalenaw l-ikel u l-ħobż tal-Kavallieri u tal-palazz tal-Gran Mastru, bħalma ġriet ix-xniegħa li kienu se jagħmlu fl-1609 u l-1627.

Bilkemm kien intemm l-assedju il-Gran Mastru stieden lill-kmandanti li ġabu l-għajnuna, Kavallieri u oħrajn għal ikla kbira bl-ikel li ġabu magħhom tas-*soccorso* u dak li pprovda l-Gvernatur ta' Għawdex. Issa l-ikel kien jidher abbundanti imma l-prezz kien għadu għali u ikel fin u lussuż ma kontx għadek issibu issibu lanqas bi prezzijiet għoljin.